MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1262/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**PAUL TONNA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Tonna ta’ 61 sena, bin Emanuel u Salvina nee’ Frendo, mwieled B’ Kara nhar id- 19 ta’ Awwissu 1948, residenti fil- fond 42, Triq Pietru Decotrous Santa Venera u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 714448(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar id- 29 ta’ Novembru 2009, f’ B’ Kara, iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sar, inkella bil- qerq holoq it- tracci ta’ reat b’ mod li setghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi halef falz quddiem Magistrat jew quddiem Ufficjal iehor li kellu s- setgha b’ Ligi li jaghti gurament;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz huwa wiehed kurjuz ghall-ahhar. L-imputat ghamel rapport mal-Pulizija li kien gie aggredit minn xi hadd u li nsterqulu hafna flus li kellu. Infethet inkjesta magisterjali fuq dan ir-rapport, u l-imputat baqa’ jikkonferma dan anke bil-gurament tieghu fl-inkjesta. Kien biss wara certu zmien li harget il-verita’, li fil-fatt l-imputat kien nefaq il-flus kollha fuq loghob. Di fatti, il-Qorti giet ukoll informata li l-imputat kellu bzonn xi ftit ta’ ghinuna u assistenza f’ dan ir-rigward. Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-

sentenza, fejn ser jigi pprovdut ghinuna u sorveljanza lill-imputat sabiex ikun jista' jeghleb din il-problema f' hajtu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 108(1)(a) u (b), 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation, ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna inoltre l-hrug ta' Ordni ta' trattament fuq l-imputat ai termini tal- Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-perijodu ta' sentejn.

Tordna wkoll lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti nominate fl-inkjesta ai termini tal- Artikolu 533tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna finalment l-interdizzjoni generali tal-imputat ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------